MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-25 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 1858/2001/1

**Paolina Attard**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici twieldet fit-twieldet fit-23 ta’ Jannar 1939 mir-relazzjoni ta’ Concetta Peet nee’ Attard, mart John Peet li kien assenti minn Malta ghall-perjodu ta’ 300 gurnata, qabel it-twelid ta’ l-attrici u Carmelo Pisani u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat Dokument “A”;

U illi kif jirrizulta mill-anness certifikat u minn kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza l-attrici minn dejjem

kienet rikonoxxuta minn missierha naturali Carmelo Pisani u minn dejjem gabet il-kunjom Pisani;

Illi l-istess attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-attrici dejjem gabet il-kunjom Pisani u ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tordna li din id-dikjarazzjoni taghha ghandha tigi registrata fir-Registru Pubbliku permezz ta' nota fil-margini tar-registrazzjoni relattivi fir-Registru tal-Atti tat-Twelid a tenur artikolu 92 (2) (b) tal-Kap. 16.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku tat-12 ta' Frar 2002 a fol. 13 fejn gie eccepit:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif dikjarati fic-citazzjoni odjerna u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi qabel xejn ghandu jsir id-debitu avviz fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16;

3. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-atti mertu tal-kawza odjerna mhumiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 13 u 14 tal-process.

Rat il-verbali tat-12 ta' Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita ghall-pubblikazzjoni skond il-ligi; tas-16 ta' Mejju 2002 fejn l-attrici kkonfermat id-dikjarazzjoni taghha annessa mac-citazzjoni u pprezentat zewg dokumenti.

Rat li fis-16 ta' Mejju 2002 inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet b'terminu ta' erbghin (40) jum kull wiehed.

Rat in-nota tal-attrici tal-10 ta' Gunju 2002 fejn permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess.

Rat il-verbal tat-30 ta' Ottubru 2002 fejn Dr. John Buttigieg ghall-attrici pprezenta nota b'erba' dokumenti – cjoe' kuntratt quddiem in-Nutar Anthony Abela datat 1 ta' April 1996; Dokument mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali; Dokument mill-Metropolitan Police Pensions ta' l-Ingilterra u santa tal-Grizma – li kollha jirreferu ghall-attrici bil-kunjom ta' "Pisani"; u tal-5 ta' Frar 2003 fejn Dr. John Buttigieg ghall-attrici ddikjara li m'ghandux provi aktar. Il-konvenut giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta' Frar 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET</u>.

Illi din hija kawza fejn l-attrici ddikjarat li hija dejjem kienet maghrufa bil-kunjom Pisani u talbet biex din id-dikjarazzjoni tigi registrata fir-Registru Pubbliku permezz ta' nota fil-margini tar-registrazzjoni relattivi fir-Registru tal-Atti tat-Twelid a tenur **artikolu 92 (2) (b) tal-Kap 16**.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li bla ebda dubju kwalunkwe li l-attrici hija bint Carmelo Pisani u Conceta Peet nee' Attard, tant li dan il-fatt jinsab registrat fic-certifikat tat-twelid tal-istess attrici li jinsab esebit f'dokument "PA2" a fol. 22 tal-process u wkoll li l-istess attrici b'konsegwenza ta' dan ir-rikonoxximent u gharfien minn missierha anke abbazi ta' dak li hemm indikat fl-**artikolu 87 (1) tal-Kap 16**, dejjem kienet maghrufa bil-kunjom Pisani, cjoe` l-

kunjom ta' missierha. Dan jirrizulta mid-dokumenti kollha esebiti mill-istess attrici.

Illi skond l-**artikolu 92 (1) tal-Kap 16** li jipprovdi li:

"*Tifel illegittimu, jekk ikun gie maghruf b'ibnu mill-missier jiehu l-kunjom tal-missier, li mieghu jista' jzid il-kunjom ta' l-omm, diversament jiehu l-kunjom ta' l-omm".*

Illi jekk wiehed ihares lejn l-**artikolu 92 (2) (b)** sabiex l-attrici zzomm l-istess kunjom hemm provdut li ghandha ssir kawza quddiem din il-Qorti kontra l-konvenut attwali, u fil-fatt hekk qed isir, bl-iskop li ssir nota fejn jinghad li l-attrici f'dan il-kaz ghandha tiehu l-kunjom tal-missier illegittimu u cjoe` Pisani skond l-istess dispozizzjonijiet tal-**artikolu 92 (1)** konsegwenti ghal dak provdut fl-**artikolu 87 (1) tal-Kap 16**.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

**<u>III. KONKLUZJONI</u>.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak fuq deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara li l-attrici dejjem gabet il-kunjom Pisani. Tordna li din id-dikjarazzjoni – li l-attrici dejjem gabet il-kunjom Pisani u cioe` l-kunjom ta' missierha Carmelo Pisani – ghandha tigi registrata jekk mhux diga' registrata fir-Registru Pubbliku permezz ta' nota fil-margini tar-registrazzjoni relattivi fir-Registru tal-Atti tat-Twelid a tenur **artikolu 92 (2) (b) tal-Kap 16,** b'dan li jinghad li l-istess attrici ghandha tkun maghrufa bil-kunjom Pisani kif kienet dejjem hekk fil-fatt dejjem maghrufa.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attrici *stante* li ma jidhirx li l-konvenut kien b'xi mod responsabbli biex saret din il-kawza.

**Moqrija.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------